**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 177/2019 JZM**

**Ian Falzon (ID 279273M)**

***kontra***

**Avukat Generali**

***u***

**l-Kummissarju tal-Puilizja**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-24 ta` Settembru 2019 li jaqra hekk :–

*Illi l-esponent gie interrogat mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-18 ta` Settembru 2013.*

*Illi l-kawza fil-konfront tal-esponent giet appuntata ghas-27 ta` Jannar 2014 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bl-esponent ikun akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309,310 u 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta`Malta.*

*Illi sal-gurnata tal-lum, u cioe` sitt (6) snin mill-bidu tal-proceduri penali fll-konfront tal-esponent, il-proceduri ghadhom fi stadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni stante li l-Avukat Generali ghadu ma kkonkludiex l-istruttorja.*

*Illi matul dawn l-ahhar sitt (6) snin kien hemm diversi seduti li ghal ragunijiet varji gew differiti, kif ser jigi ampjament spjegat matul dawn il-proceduri.*

*Illi fl-ewwel seduta tal-proceduri penali, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti harget ordni ta` frizar tal-assi tal-esponent skont l-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta li sussegwentament giet sostitwita billi l-esponent offra garanzija bankarja li taghmel tajjeb ghall-allegat rikavat mir-reati lilu addebitati.*

*Illi sitt (6) snin wara li nhargu l-akkuzi, l-esponent ghadu ma nghatax l-opportunita` li jniedi d-difiza tieghu u dan unikament minhabba d-dewmien li hu dovut biss ghall-Prosekuzzjoni.*

*Illi l-fatt li dawn il-proceduri ghadhom pendenti jgib mieghu diffikultajiet kbar ghar-rikorrenti kemm mil-lat personali u kif ukoll mil-lat ta` xoghol.*

*Illi l-esponent ghandu kull interess li dawn il-proceduri jigu mitmuma u d-dewmien li gie kkawzat bl-ebda mod ma jista` jigi attribwit lilu.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, tul il-perjodu ta` dawn is-sitt (6) snin id-dritt tal-esponent ghas-smigh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u*

*Libertajiet Fundamentali hekk kif applikabbli bhala parli fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-Kap. 319, kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta, gie lez.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi t-trapass taz-zmien li l-intimati qeghdin jiehdu sabiex jaghlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proceduri fl-ismijiet `Il-Pulizija vs Ian Falzon`, u cioe` trapass ta` sitt (6) snin, huwa wiehed li qieghed imur kontra l-principju ta` smigh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*2. Tordna lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija ghal gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet `Il-Pulizija vs Ian Falzon` f`terminu qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta` danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat u waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fit-<u>8 ta` Ottubru 2019</u> u li taqra hekk :-

*Illi r-rikors kostituzzjonali jirrigwarda lanjanza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba allegat dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Ian Falzon" li jinsabu quddiem il-Qorti tal-Magistati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.*

*1. Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-*

*fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta` process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita` jew awtoritajiet relevanti - f`dan il-kaz l-agir ta` awtorita` gudizzjarja. Ghalhekk, skont il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta` smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

*2. Il-kawza kriminali bdiet hames snin ilu fl-2014 u ma jidhirx li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mil-esponenti.*

*3. llli hu accettat illi ma hemm l-ebda`time limit`li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizza jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.*

*4. llli sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista` tikkonsidra b`mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-Ligi.*

*5. llli finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessivita` tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz qed jiehu numru ta` snin ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.*

*6. llli ghalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal-smigh xieraq.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*8. Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet orali li ghamlu z-zewg nahat wara li kien dikjarat l-gheluq tal-provi.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Xiehda

**Ir-rikorrent** xehed li kien direttament involut fil-kamp tal-avjazzjoni civili.

Stqarr illi kien ghadu ghaddej minn process kriminali istitwit kontra tieghu b`akkuzi ta` frodi u misappropriazzjoni, li jirrelataw ghaz-zmien meta kien jahdem ma` Malta Air Traffic Services Limited. Kien Chief Finance Officer u Deputy Chief Executive Officer. Fis-sostanza l-akkuzi kienu dwar uzu ta` flus tal-kumpannija ghal skopijiet personali, u jirrelataw ghaz-zmien ta` bejn 2007 u l-2010.

Qal illi sar jaf bl-akkuzi fis-sajf tal-2013 meta kien Direttur Generali tal-Awtorita` tal-Avjazzjoni Civili.

Stqarr illi huwa telaq minn Malta Air Traffic Services Limited f`Dicembru 2010.

Fil-kors tal-process kriminali, huwa wiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi li kien mixli bihom.

Xehed illi l-proceduri kienu ilhom ghaddejjin is-snin bla konkluzjoni. L-impatt finanzjarju negattiv kontra tieghu huwa kostitwit mill-fatt illi kien impost kontrih ordni ta` ffrizar li ghadu fis-sehh.

Dwar il-mertu tal-akkuzi, stqarr biss illi l-persuni li kienu Chairman u Chief Executive Officer tal-kumpannija ma setghux jixhdu dwar kif attwalment sehhew mil-fatti fiz-zmien tal-akkuzi billi lahqu mietu.

**<u>Assistent Kummissarju tal-Pulizija Ian Abdilla</u>** xehed illi huwa xtaq li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent jiehdu direzzjoni u preciza u kien qed jahdem mal-Avukat Generali ghal dak l-iskop. Wara hafna diskussjonijiet mal-Avukat Generali, dan kien tal-fehma li l-proceduri kriminali kellhom ikomplu. Fil-kawza nstemghu hafna xhieda. Fil-bidu tal-kawza, kien anke stharreg mal-Av. Joseph Giglio (difensur tar-rikorrent) dwar setax ikun hemm ammissjoni billi kien hemm hafna persuni x`jixhdu.

Mistoqsi mill-qorti dwar jekk il-provi tal-prosekuzzjoni kienux maghluqa, fisser li ma kienux ghaliex ghal madwar sentejn ftit li xejn kien hemm progress. Ir-raguni kienet jew xhieda ma jidhrux jew ghax inbidel il-Magistrat li kien qed jippresjedi l-kawza. Mistoqsi jekk kienx hemm xhieda li ma kienx qed jinsisti fuq id-deposizzjoni taghhom, stqarr illi l-Avukat Generali ma riedx jirrinunzja ghax-xhieda. Mistoqsi ghaliex wara rinvju ma tharrkux xhieda, huwa mputa dak ghal diskussjonijiet li kien qed ikollu mal-Avukat Generali.

Stqarr li fl-ahhar udjenza tal-kawza kontra r-rikorrent (li saret fil-mori ta` din il-kawza kotituzzjonali, tressqu l-bicca l-kbira tax-xhieda li kien fadal u l-Pulizija ddikjarat l-gheluq tal-provi taghha. Ma setax jghid jekk l-Avukat Generali kienx se jitlob li jinstemghu aktar xhieda ; dik kienet prerogattiva tal-Avukat Generali. Kien hemm rinviju ghall-24 ta` Marzu 2020 quddiem il-Qorti Istruttorja.

**<u>Av. Dr. Joseph Gigio</u>** ta resokont tal-fatti tal-kawza kontra r-rikorrent. Qal li bhala konsegwenza ta` inkontri li kellu mal-A.K. Ian Abdilla kien propost il-hlas ta` madwar €37,000 bhala ammont dovut mir-rikorrent izda l-parte civili ma kenitx accettat il-figura. Dan il-fatt huwa verbalizzat. Kienet saret offerta li jithallas dak li kien dovut civilment mir-rikorrent, tinghalaq il-kawza kriminali, u tinghata piena li tirrifletti c-cirkostanzi tal-kaz. L-A.K. Abdilla ma accettax il-proposta taghhom u ghalhekk kellhom johorgu l-artikoli ; dan kellu jkun mdwar nofs Settembru/Ottubru 2014. Billi ma kienx intlahaq ftehim seta` jibda l-gbir tal-provi.

Kompla jixhed illi in segwitu, intlahaq ftehim bejn ir-rikorrent u l-parte civile fejn dan tal-ahhar thallas kif miftiehem u rtira l-posizzjoni tieghu fil-kawza kriminali. L-akkuza ta` misapproprijazzjoni kienet *ex officio* u ghalhekk l-proceduri penali baqghu sejrin.

## III **Sottomissjonijiet**

**Filwaqt illi l-intimati pprezentaw nota ta` osservazzjonijiet, ir-rikorrent ghazel li jaghmel sottomissjonijiet bil-fomm. L-intimati wiegbu wkoll bil-fomm ghas-sottomissjonijiet orali tar-rikorrent.**

### 1. **L-osservazzjonijiet bil-miktub tal-intimati**

Wara sar riassunt qasir ta` li gara fil-kawza kontra ir-rikorrent fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-intimati rrimarkaw illi kien hemm zvilupp importanti fl-udjenzi tas-6 ta` Jannar 2020 u tat-13 ta` Jannar 2020 fejn il-Prosekuzzjoni ressqet numru ta` xhieda.

L-intimati ma jikkontestawx li l-Art 6 tal-Konvenzjoni jitlob li kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli pero` jsostnu dak dikjarat mill-ECtHR stess illi *"the reasonableness of the length of the proceedings must be assessed in the light of the particular circumstances of the case."*

Ighidu li sabiex ikun hemm ksur tad-dritt tas-smigh xieraq, il-procediment gudizzjarju ghandu jitqies fil-assjem tieghu, mhux issir biss selezzjoni jew referenza ghal elementi partijiet partikolari.

Jinsistu li f`kaz bhal huwa dak tal-lum il-kriterji ta` valutazzjoni ghandhom ikunu l-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet, l-imgieba ta` min ikun ressaq l-ilment, is-sehem tal-awtorita gudizzjarja u s-siwi ta` dak li parti ghandha x`titlef jew tirbah mill-kaz taghha quddiem il-Qorti.

Saret referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta` Jannar 2013 fil-kawza **Ellul Sullivan v. Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Isostnu li ebda wiehed mill-kriterji ma huwa konklussiv. Ghalhekk ghandhom jitqiesu wiehed wiehed biex il-qorti tkun tista` taghmel qies tal-assjem.

Saret referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza **Said pro et noe v. Avukat Generali**.

Kien osservat illi qorti m`ghandha l-ebda limitu ta` zmien li jorbotha sabiex tiddeciedi, ghaliex ghagla zejda tippregudika l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Jinghad illi ghalkemm huwa minnu li matul il-kawza kriminali kien hemm intoppi li tawwlu l-kawza, kellha tkun apprezzata n-natura u komplessita tal-akkuzi.

Ikompli jinghad li l-akbar problema li kellha l-Prosekuzzjoni kienet l-ghadd tal-vittmi li allegatament kienu frodati ; l-aktar barranin.

Sostnew li l-kaz in kwistjoni huwa kompless u l-gbir tal-provi pprezenta problemi.

Huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha : kemm dawk kontra kif ukoll dawk favur l-akkuzat.

Jinghad li f`kaz li l-qorti ssib li kien hemm nuqqas ta` smigh xieraq ir-rimedju ghandu jkun l-ghoti ta` kumpens.  Kienet citata gurisprudenza in sostenn.

## 2. Is-sottomissjonijiet bil-fomm tar-rikorrent

Id-dewmien fil-proceduri kriminali jsib il-kawza tieghu fl-istat ta` aspett tad-dritt procedurali penali li baqa` ma giex aggornat ghaz-zminijiet tal-lum. Saret referenza ghall-Art 405 tal-Kap 9. Din id-disposizzjoni kienet rilevanti meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet ristretta. L-interpretazzjoni tad-disposizzjoni qeghda tkun illi l-kumpilazzjoni tintemm fil-mument li l-Magistrat jaghmel id-dikjarazzjoni li *prima facie* hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta` akkuza. Minn hemm `l quddiem, il-procediment ikun soggett ghal rinviji varji li l-Avukat Generali jista` jaghmel skont l-Art 405 tal-Kap 9. B`hekk il-Magistrat Istruttur jitqieghed f`posizzjoni fejn ma jkollux funzjoni ohra ghajr dik li jipprocedi skont id-direzzjoni tal-Avukat Generali.

Fil-kaz tal-lum hekk gara. Fuq l-iskorta tal-provi li tressqu fil-kawza odjerna, jirrizulta li fil-kawza kriminali saru mhux issa minn 53 udjenza bejn it-18 ta` Settembru 2013 u l-14 ta` Ottubru 2019. Kien hemm 27 udjenza li kienu differiti wara talba tal-prosekuzzjoni. Fi 53 seduta xehdu 12-il persuna.

Ir-rikorrent jikkontesta fuq bazi ta` fatt is-sottomissjoni tal-Avukat Generali li l-kaz kontra tieghu kien kompless ghaliex numru ta` xhieda kienu barranin. Anke li kieku kien hekk kien il-kaz, il-prosekuzzjoni kellha varji strumenti legali ghad-disposizzjoni taghha biex ix-xhieda jinstemghu izda ma rrikorrietx ghalihom.

Ir-rikorrent jiccita gurisprudenza ricenti tal-qrati taghna in sostenn tal-pretensjoni tieghu li d-dewmien fil-kaz tieghu kien bla gustifikazzjoni.

## 3. <u>Is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-intimati</u>

B`zieda ma` dak li kien diga` rilevat fin-nota ta` osservazzjonijiet, l-intimati sostnew li ghalkemm ir-rikorrent ikkritika l-applikazzjoni tal-Art 405 tal-Kap 9 fl-istess waqt il-legalita` tad-disposizzjoni ma kenitx attakkata fil-procediment odjern.

Kien osservat ukoll illi l-Qorti Istruttorja kienet presjeduta mill-Magistrat Aaron Bugeja li fiz-zmien li kien qed jigi trattat il-kaz kontra r-rikorrent kien impenjat f`inkjesta ta` interess nazzjonali u wara sar Imhallef. Illum il-kawza ghaddiet ghand il-Magistrat Nadine Lia.

## IV. **Konsiderazzjonijiet**

### 1. **L-ewwel (1) talba**

Fl-ewwel domanda, ir-rikorrent talab dikjarazzjoni mill-qorti "*illi t-trapass taz-zmien li l-intimati qeghdin jiehdu sabiex jaghlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proceduri fl-ismijiet `Il-Pulizija vs Ian Falzon`, u cioe` trapass ta` sitt (6) snin, huwa wiehed li qieghed imur kontra l-principju ta` smigh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta*".

### a) **Dritt**

**L-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni** jghid :-

*Kull qorti jew awtorità ohra ġudikanti mwaqqfa b`liġi ghad-deċizj□oni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi ċivili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proċeduri ghal deċiżjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra ġudikanti bhal dik, il-każ ghandu jiġi moghti smigh xieraq gheluq żmien raġonevoli.*

**L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jghid :-

*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistghu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f` socj□eta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il- protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieġ, jew safejn ikun rigorożament mehtieġ l-fehma tal-qorti f`ċirkostanzi*

*specj□ali meta l- pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

**b) <u>Gurisprudenza</u>**

Il-qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**<u>Zakkarija Calleja v. Avukat Generali</u>**" fejn inghad hekk :–

*"Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta` Lulju 2008), il- Qorti irriteniet illi :*

*"B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal- Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari :*

1. *in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*

2. *il-kondotta tal-partijiet fil-kawza,*

3. *il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess.*

*Fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (27 ta` Gunju 2003) intqal inoltre illi :*

*"S`intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b`mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

…

*F`dan l-isfond ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista` ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat."*

*L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi :*

*"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Said vs Avukat Generali (11 ta` Novembru 2011) irriteniet illi :*

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista` ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

Il-qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Novembru 2017 fil-kawza "**Gordi Felice vs Avukat Generali**" fejn inghad hekk :-

…

*Din il-Qorti tosserva li l-intimat fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu in prim`istanza jghid li l-guri ta` William Agius u kwindi tar-*

*rikorrent ghadhom ma gewx appuntati ghaliex iz-zewg akkuzati intavolaw kawza kostituzzjonali kull wiehed. Madanakollu, filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda prova dwar xi proceduri kostituzzjonali istitwiti minn William Agius jew, jekk fl-affirmattiv, dawn ghadhomx pendenti, huwa assurd l-argument li process kriminali qieghed jigi differit indefinittivament minhabba l-pendenza ta` kawza kostituzzjonali li tittratta appuntu l-kwistjoni ta` dewmien eccessiv mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal- istess process kriminali. F`kull kaz, din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jiswiex bhala gustifikazzjoni ghal dewmien komplessiv ta` kwazi tlettax-il sena fis-smigh ta` process kriminali li mhux talli sal-lum ghadu pendenti, talli hemm ammissjoni inekwivoka tal-intimat li l-istess process ser jibqa` "fuq l-ixkaffa" sakemm jintemmu proceduri kriminali kontra terza persuna. Dan kollu jsarraf f`karenza manifesta ta` certezza dwar meta sejra tigi appuntata u mismugha, ahseb u ara deciza, il-kawza kriminali. Ma` dan ghandha tizdied il-konsiderazzjoni li sal-lum lanqas hemm hjiel dwar id-data meta ser tigi appuntata ghas-smigh il-kawza kontra l- imsemmi William Agius.*

*45. Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimat illi jipproduci provi sabiex jiggustifika d-dewmien fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta, kwazi tlettax-il sena wara li tressaq quddiem il-qorti mixli b`reati taht tal-Kapitolu 31, ghadu qed jistenna li l-kaz tieghu jigi appuntat quddiem il-Qorti Kriminali. Dan id- dewmien ma jistax ma jigix meqjus bhala esagerat, mhux ragjonevoli u li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f`socjeta` demokratika, u bhala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proceduri kriminali kontra tieghu jigu determinati fi zmien ragjonevoli.*

*46. F`hajja ta` bniedem tlettax-il sena huma zmien twil u, f`dan il-kaz tar-rikorrent, dan isarraf fi 13-il sena ta` incertezza fl-ahjar snin taz- zghozija fejn wiehed huwa mistenni jkollu l-ahjar*

*opportunitajiet jibni l- pedamenti tal-hajja familjari u lavorattiva tieghu. Fil-kaz tar-rikorrent izda, dawn is-snin kollha ghaddiehom tiela` u niezel il-Qorti ghas-seduti, kif ukoll jinkwieta dwar il-futur tieghu ghaliex ghadu ma jafx x`ser isir minnu meta finalment jinqatal-kaz tieghu wara dan iz-zmien kollu.*

*47. Jigi ribadit illi din il-lezjoni hija in parti dovuta wkoll ghall-ghazla ossia agir tal-intimat li, meta ddecieda li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix appuntata u ma tigix determinata qabel l-ewwel tigi appuntata u determinata l-kawza kontra William Agius, tawwal ulterjorment il- proceduri kontra r-rikorrent li kienu diga` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-decizjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpingix fuq il-garanziji tad- dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u certament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proceduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi agir li jirris- petta l-garanziji ta` smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigh xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat.*

## c) <u>L-*iter* tal-kawza pendenti quddiem il-qorti istruttorja</u>

Kienu esebiti bhala prova l-verbali tal-udjenzi tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) v. Ian Falzon.*

Sakemm din il-kawza thalliet ghas-sentenza, il-kaz istitwit kontra r-rikorrent kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Infatti l-ahhar udjenza li taghha kien esebit il-verbal kienet dik tat-13 ta` Frar 2020

Sal-1 ta` April 2019, il-Qorti Istruttorja kienet presjeduta mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja. Wara li l-Magistrat Bugeja sar Imhallef, il-kaz kompla jinstema` mill-Magistrat Dr. Nadine Lia.

Il-qorti rat il-verbali tal-udjenzi.

**<u>Fil-qosor</u>**, l-iter kien dan :-

- 27 ta` Jannar 2014

  Ir-rikorrent deher bis-sahha ta` tahrika (mhux b`arrest).
  Il-qorti kienet infurmata li l-parte civile kienet qeghda tikkwantifika l-pretensjoni taghha.
  Ir-rikorrent wera interess f`din il-procedura.

- 10 ta` Marzu 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Il-qorti kienet infurmata li l-partijiet kienu jehtiegu aktar zmien sabiex jirregolaw l-posizzjoni taghhom.

- 14 ta` April 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Ma tressqux provi mill-prosekuzzjoni.

- 16 ta` Gunju 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Kien dikjarat illi l-parte civile lestiet il-kwantifikazzjoni.
  Id-difiza affermat li l-posizzjoni taghha hija cara.
  Il-prosekuzzjoni talbet zmien biex tirregola ruhha.

- 15 ta` Lulju 2014

  Deher ir-rikorrent.

Kien hemm qbil li sat-22 ta` Settembru 2014, isir kull ma huwa mehtieg sabiex il-qorti tkun tista` tipprocedi skont l-Art 392A(5) u 392(1) tal-Kap 9.

- 22 ta` Settembru 2014

  Deher ir-rikorrent.
  L-Avukat Generali nforma lill-qorti li d-difiza u l-prosekuzzjoni kienu qed jistharrgu *sentence bargaining* u ghalhekk talab differiment.

- 27 ta` Ottubru 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Ma tressqux provi mill-prosekuzzjoni.

- 4 ta` Novembru 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Inqraw l-imputazzjonijiet.
  Sar l-ezami tar-rikorrent bhala imputat.
  Xehed l-Ispettur Ian Joseph Abdilla.

- 7 ta` Novembru 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Kompla jixhed l-Ispettur Ian Joseph Abdilla.

- 28 ta` Novembru 2014

  Deher ir-rikorrent.
  Id-difiza nfurmat lill-qorti li l-bank pprova rikjesta ghall-hrug ta` garanzija bankarja ghal ammont ta` €39,000.

- 6 ta` Jannar 2015

  Deher ir-rikorrent.
  Xehed Mario Joseph Azzopardi.
  Kienu prezentati dokumenti.

- 13 ta` Frar 2015

  Deher ir-rikorrent.
  Kompla jixhed Mario Joseph Azzopardi.

- Fit-13 ta` Marzu 2015

  Ghall-udjenza ma deher hadd ghaliex il-prosekuzzjoni talbet differiment.

- 15 ta` April 2015

  Ma sar xejn ghaliex il-prosekuzzjoni ma harrkitx ix-xhieda.

- 18 ta` Mejju 2015

  Ma sar xejn

- 3 ta` Gunju 2015

  Ma sarx xejn ghax ma deher hadd.

- 15 ta` Lulju 2015

  Deher ir-rikorrent
  Xehdu Mario Azzopardi u l-Brigadier Carmel Vassallo.

- 26 ta` Awissu 2015

  Ma sarx xejn ghax ma deher hadd.

- 2 ta` Ottubru 2015

  Deher ir-rikorrent.
  Xehed Antonie Dalli.

- 5 ta` Novembru 2015

  Deher ir-rikorrent.
  L-ufficjal prosekutur talab li jirregola ruhu.

- 9 ta` Dicembru 2015

  Deher ir-rikorrent.
  Il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi godda.

- Fil-20 ta` Jannar 2015

  Deher ir-rikorrent.
  Il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi godda.

- 2 ta` Marzu 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdu WPS 103 Marcel Mifsud u Malcolm Jones.

- 13 ta` April 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdu Joseph Saliba, Joseph Zerafa, Pauline Attard u PC 896 Robert Zammit;

- 27 ta` April 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdet Nathalie Fenech.

- 31 ta` Mejju 2016

  Deher ir-rikorrent
  Xehed Ramon Muscat;

- 8 ta` Lulju 2016

Il-parte civile pprezentat nota fejn iddikjarat illi peress li in via ta` transazzjoni kienet thallset minghand l-akkuzat d-danni civili taghha kienet qeghda tirtira mill-partecipazzjoni taghha fil-kawza kriminali li kienet istitwita kontra l-akkuzat.

- 11 ta` Lulju 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Xehed Gordon Theobold.

- 22 ta` Awissu 2016

  Billi ma deher hadd, ma sar xejn.
- 6 ta` Settembru 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sarx xejn ghax il-prosekuzzjoni talbet differiment.

- 5 ta` Ottubru 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sar xejn ghaliex il-prosekuzzjoni talbet z-zmien biex tirregola ruhha.

- 16 ta` Novembru 2016

  Deher r-rikorrent.
  Il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi godda.

- 16 ta` Dicembru 2016

  Deher ir-rikorrent.
  Il-prosekuzzjoni talbet zmien biex tirregola ruhha.

- 23 ta` Jannar 2017

  Deher ir-rikorrent.
  Ma gara xejn. Ma tressqux provi godda.

- 1 ta` Marzu 2017

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdet Lorraine Borg.

- 12 ta` April 2017

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sar xejn.

- 17 ta` Mejju 2017

  Il-qorti stess iddifferiet l-udjenza billi l-Magistrat sedenti kien impenjat f`inkjesta urgenti u ta` importanza nazzjonali.

- 26 ta` Gunju 2017

  Il-qorti stess iddifferiet l-udjenza billi l-Magistrat sedenti kien impenjat f`inkjesta urgenti u ta` importanza nazzjonali.

- 25 ta` Lulju 2017

  Deher ir-rikorrent.
  Il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi godda.

- 31 ta` Awissu 2017

  L-udjenza kienet differita wara qbil bejn il-partijiet.

- 11 ta` Ottubru 2017

  Ma sar xejn ghax deher hadd.

- 18 ta` Dicembru 2017

  L-udjenza kienet differita wara talba tal-ufficjal prosekutur.

- 22 ta` Jannar 2018

Ma sarx xejn.

- 24 ta` Jannar 2018

  Ma sar xejn ghaliex l-ufficjal prosekutur ma setax jattendi.

- 5 ta` Marzu 2018

  L-udjenza ma saritx b`ordni tal-qorti.

  Fil-9 ta` April 2018

  L-udjenza ma saritx b`ordni tal-qorti.

- 14 ta` Mejju 2018

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sarx xejn ghaliex il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi.

- 14 ta` Gunju 2018

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdet Lorraine Borg.

- 18 ta` Lulju 2018

  L-udjenza ma saritx b`ordni tal-qorti.

- 29 ta` Awissu 2018

  L-udjenza ma saritx b`ordni tal-qorti.

- 10 ta` Ottubru 2018

  Deher l-imputat.
  Ma sar xejn.

- 12 ta` Novembru 2018

  Ma sar xejn ghax ma deher hadd.

- 12 ta` Dicembru 2018

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sarx xejn.

- 16 ta` Jannar 2019

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sar xejn.

- 27 ta` Frar 2019

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sar xejn ghax il-prosekuzzjoni talbet differiment.

- 1 ta` April 2019

  Deher ir-rikorrent. –
  Ma sar xejn ghax il-prosekuzzjoni talbet differiment.

- 6 ta` Mejju 2019

  L-udjenza kienet differita ghaliex il-Magistrat sedenti sar ghall-Imhallef.

- 10 ta` Gunju 2019

  L-udjenza kienet differita mill-qorti.

- 17 ta` Gunju 2019

  L-ewwel udjenza quddiem il-Magistrat Nadine Lia li hadet il-kawza minflok il-Magistrat Bugeja.

- 22 ta` Lulju 2019

  L-udjenza kienet differita mill-qorti.

- 2 ta` Settembru 2019

  Deher ir-rikorrent.
  Ma sar xejn.

- 14 ta` Ottubru 2019

  Deher ir-rikorrent.
  Il-qorti sollecitat lill-prosekuzzjoni sabiex tirregola ruhha.

- 6 ta` Jannar 2020

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdu hames persuni.

- 13 ta` Frar 2020

  Deher ir-rikorrent.
  Xehdu erba` persuni.
  L-ufficjal prosekutur iddikjara l-gheluq tal-provi.

**d) <u>Risultanzi</u>**

Ir-rikorrent tressaq fis-**<u>27 ta` Jannar 2014</u>**.

Sa mill-bidu tal-procediment kriminali kien dikjarat mill-parte civile li kien qed isir esercizzju li kellu jwassal ghall-kwantifikazzjoni tal-ammont li allegatament kien appropriati indebitament u/jew defrawdat minnu mir-rikorrent.

Fl-udjenza tal-**<u>4 ta` Novembru 2014</u>**, kien dikjarat li l-esercizzju kien konkluz.

Min-naha tieghu, ir-rikorrent iddikjara li kien lest li jiddepozita garanzija bankarja ghal €38,614.58.

Fl-udjenza tat-**<u>28 ta` Novembru 2014</u>**, id-difiza nfurmat il-qorti li l-garanzija kienet lesta ghad-disposizzjoni tal-parte civile.

Il-qorti qieset b`reqqa s-sottomissjonijiet li ghamlu l-intimati. Fihom hemm rassenja akkurata ta` x`qalet il-gurisprudenza taghna u tal-ECtHR fejn si tratta ta` dewmien bhala vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq. Pero` ghandu jinghad ukoll illi kull kaz ghandu l-fattispeci partikolari tieghu, u kull insenjament gurisprudenzjali ghandu jsib applikazzjoni propju ghal dawn il-fattispeci.

**Wara li hasbet fit-tul, il-qorti ssib illi l-ewwel talba hija ppruvata fil-fatt u fid-dritt.**

Irrizulta bl-aktar mod car u manifest illi r-ragunijiet ghad-dewmien kienu dovuti ghal nuqqasijiet tal-intimati.

Ma rrizultax li d-dewmien kien dovut ghall-imgieba tar-rikorrenti.

Lanqas tal-qorti.

Il-principju ghandu jkun li *the rule of law* tghodd ghal kulhadd l-istess. Daqstant iehor huwa basilari l-principju li l-process gudizzjarju, specjalment dak penali, fejn favur l-akkuzat tregi l-presunzjoni tal-innocenza, ghandu jitmexxa dejjem skont il-ligi, izda bil-heffa li tkun dettata mill-fattispeci ta` kull kaz.

L-intimati jaghmlu l-argument illi l-accertament tal-lezjoni dwar smigh xieraq ghandha ssir fuq l-assjem tal-procediment li tkun involuta fih il-persuna li tkun qeghda taghmel l-ilment meta l-procediment li fih tkun involuta jasal fit-tmiem tieghu. Din il-qorti tghid illi t-tesi tal-intimat ma tistax tregi f`kull sitwazzjoni.

Tghid li ma hemm l-ebda vinkolu legali, imbaghad fi procediment tax-xorta li huwa dak tal-lum, illi tistenna t-tmiem tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent sabiex tesprimi ruhha dwar il-vjolazzjoni lamentata, ladarba rrizulta ppruvat li fil-kors tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja diga` sehhet il-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, u aktar ma jitwal il-kaz, il-lezjoni se tippersisti.

Il-qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta` Lulju 2018 fir-Referenza : **<u>Il-Pulizija vs Silvio Zammit</u>** fejn inghad :

*Filwaqt illi huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti Istruttorja hija prekluża milli tiddikjara maghluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, dan ma jfissirx illi l-istess prosekuzzjoni tista` tabbuża mill-iter proċesswali. Bla dubju, xejn ma jista` jwarrab il-fatt illi l-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti riferenti ilha ghaddejja aktar minn hames snin. Ghalkemm huwa assodat in materja ta` dewmien ghall-finijiet tal-artikolu 6 li jista` jkun hemm ċirkostanzi fejn dak it-tul ta` żmien ukoll jitqies li huwa raġjonevoli, bhal meta l-każ ikun komplikat u jkun jehtieġ investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta` hafna xiehda, fil-każ tal-lum ma tressqet l-ebda prova li d-dewmien sabiex titressaq l-ahhar xhud huwa kawża ta` xi wiehed minn dawn il-fatturi.*

Jirrizulta bl-akbar mod evidenti li kien hemm zmien fit-tul fejn ma sar xejn fil-kawza kriminali :

- certament mhux tort tar-rikorrent.
- f`kazi li huma prattikament wahdiet u ben gustifikatghal ragunijiet tal-qorti.
- fil-wisgha tal-kazi minhabba l-intimati.

**Il-qorti tinsisti billi timputa lill-intimati l-kawza tad-dewmien fl-gheluq tal-procediment kriminali.**

**Ir-rassenja ta` fatti, cirkostanzi u dati fuq riferita hija lampanti u tikkostitwixxi *res ipsa loquitur*.**

**F`temp ta` xahrejn il-prosekuzzjoni ressqet disa` persuni sabiex jiddeponu <u>unikament</u> bhala reazzjoni talli lahqet kienet istitwita din il-kawza li bdiet titmexxa b`heffa fl-interess tal-gustizzja.**

**Id-dati mhux kumbinazzjoni anzi jaghtu sostenn ghall-ilmenti tar-rikorrent.**

**Sal-jum li fih din il-kawza thalliet ghas-sentenza, ma rrizultax li l-Avukat Generali pprezenta l-artikoli. Huwa biss mal-prezentata tal-artikoli li taghlaq il-fazi istruttorja.**

Tishaq li ma rrizultax li d-dewmien kien dovut ghal imgieba tar-rikorrent.

Lanqas ghall-qorti.

Mhijiex kondiviza l-fehma tal-intimati li kien hemm diffikulta` li jitressqu xhieda barranin jew li li l-Magistrat Bugeja kien involut f`inkjesta urgenti u ta` importanza nazzjonali. Dwar tal-ewwel irrizulta li kienu biss sebgha mix-xhieda li setghu jitqiesu barranin meta meqjus l-ghadd ta` xhieda li kellha l-prosekuzzjoni. Dwar it-tieni mhuwiex ippruvat li l-Magistrat Bugeja waqaf ghal kollox mill-hidma tieghu fil-perijodu kollu sakemm beda u ghalaq l-inkjesta urgenti u ta` importanza nazzjonali.

**L-ewwel (1) talba qeghda tkun akkolta.**

## 2. <u>It-tieni (2) talba</u>

Fit-tieni domanda, ir-rikorrent talab lill-qorti sabiex *tordna lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija ghal gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet `Il-Pulizija vs Ian Falzon` f`terminu qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.*

Accertata l-vjolazzjoni skont l-ewwel talba, l-ghamla u l-kwalita` tar-rimedju li ghandu jinghata ghal dik il-vjolazzjoni jispetta dejjem lill-qorti.  Ghaliex id-diskrezzjoni li ghandha l-qorti hija wiesgha, trid tkun ezercitata bil-galbu u b`kawtela, skont il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz.

**<u>Abbazi tal-iter tal-kawza kriminali, ir-rimedju principali ghar-rikorrent ghandu jkun l-gheluq definittiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tal-procediment kriminali.</u>**

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm fil-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Frar 2020, l-ufficjali prosekutur iddikjara li l-gbir tal-provi kien qed jinghalaq b`mod definittiv, dik id-dikjarazzjoni ma tohloq ebda rabta fil-konfront tal-Avukat Generali tant hu hekk li mhuwiex ippruvat li l-Avukat Generali hareg l-artikoli sad-data li fiha l-kawza odjerna thalliet ghas-sentenza.

**Il-qorti qeghda tilqa` t-tieni (2) talba billi tipprefigi terminu lill-Avukat Generali ta` xahar mil-lum.**

**3. <u>It-tielet (3)  talba</u>**

Ir-rikorrent talab lill-qorti sabiex *taghti d-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tal-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta` danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

**Wara l-prezentata ta` din il-kawza, u koxjenti mill-heffa li biha kienet qeghda titmexxa din il-kawza, il-prosekuzzjoni b`girja wahda ressqet biex jixhdu disa` persuni bhala xhieda f`zewg udjenzi wahedhom meta kienet in letargo ghal xhur shah, biex ma tghidx snin.**

**Ghal din il-qorti dan mhuwiex il-mod kif ikun kondott procediment kriminali fejn hemm fin-nofs il-liberta` personali**

**tal-akkuzat li sal-gudizzju definittiv jibqa` prezunt innocenti sakemm jinstab hati. Lanqas ma hija mgieba accettabbli u denja ta` socjeta` demokratika bbazata fuq is-saltna tad-dritt.**

**Ghalhekk ghall-fini tat-tielet talba l-qorti sejra tillikwida favur ir-rikorrent danni morali fl-ammont ta` hames elef ewro (€5,000) li ghandhom jithallsu mill-intimati.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tipprefigi terminu ta` xahar mil-lum lill-intimat Avukat Generali sabiex jirrinvija ghall-gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ian Falzon".**

**Tilqa` t-tielet talba billi tillikwida favur ir-rikorrent danni morali fl-ammont ta` hamest elef ewro (€5,000) liema ammont ghandu jithallas mill-intimati bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**